FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Gunju, 2002**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1012/02JR**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Donald Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija (Lm215.00), u fejn intqal:

Illi fis-16 t'Ottubru, 2001 inhargu diversi kambjalijiet minn Donald Bonello favur Antoine Vassallo ta' Antoine Auto Dealer ghall-ammont ta' tlieta u erbghin lira Maltija (Lm43.00) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' tmienja u erbghin xahar. Il-konvenut naqas li jhallas hames kambjalijiet ta'

**tlieta u erbghin lira Maltija kull wiehed li mmaturaw fis-16 ta' Novembru u Dicembru, 2001 u 16 ta' Jannar, Frar u Marzu 2002;**

**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-mandat ta' qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**
**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' John Sultana credit controller ma' l-attur li kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut fuq is-segwenti kambjali, kull wahda fl-ammont ta' tlieta u erbghin lira Maltija (Lm43.00), u li skadew fis-16 ta' Novembru, 2001, fis-16 ta' Dicembru, 2001, fis-16 ta' Jannar, 2002, 16 ta' Frar, 2002, u 16 ta' Marzu, 2002.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija (Lm215.00) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**